GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM
U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 13 ta' Marzu 2021 **Ref:** DLAP 084/2021

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Medji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** Doreen Farrugia – Uffiċċjal Edukattiv, Franċiż

**Suġġett:** Attivitajiet għall-istudenti tal-Franċiż

---

Il-Kapijiet tal-Iskejjel huma ġentilment mgħarrfa li ċ-Ċentru tal-Franċiż fi ħdan id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar flimkien mal-Ambaxxata Franċiża, se jorganizzaw attivitàjiet onlajn marbuta mal-ġurnata tal-lingwa Franċiża li tiġi iċċelebrata kull sena fl-20 tà Marzu.

L-istudenti tas-Sitt Sena u dawk l-istudenti tat-Tmien Sena li qed jitgħallmu il-Franċiż huma mistiedna biex jipparteċipaw f`din l-attività virtwali. Din hija opportunità unika biex l-istudenti jesploraw id-dinja tal-*Francophonie* fejn il-lingwa Franċiża hija l-lingwa ewlenija li tintuża f'għadd ta pajjiżi madwar id-dinja kollha.

Kull min se jieħu sehem se jinagħta ċertifikat u l-iskejjel kollha se jirċievu riżorsi oħra.

Dawk kollha interessati huma ġentilment mitluba jissottomettu r-**reġistrazzjoni** tagħhom **sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 26 ta' Marzu 2021**. Aktar dettalji u l-formola tar-reġistrazzjoni għal dawn l-attivitajiet huma disponibbli fuq **https://forms.gle/e9eNhfSd5L8xmE1d6**.

Għal aktar informazzjoni, l-iskejjel huma ġentilment mitluba jikkuntattjaw lis-Sa Doreen Farrugia permezz ta' ittra elettronika fuq doreen.farrugia@ilearn.edu.mt.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**

t + 356 2598 2427/8 | e dlap@gov.mt | www.education.gov.mt